*Irkejjen Storiċi*

# ĦAĠAR QIM – II

*minn Vincent ZAMMIT*

Il-fdalijiet maestużi u misterjużi magħrufa bl-isem kollettiv ta' Ħaġar Qim, ilhom snin kbar jiġbdu l-attenzjoni u l-ammirazzjoni ta' ħafna nies u studjużi. Għalkemm aħna l-Maltin nafu bihom sew, għax nisimgħu bihom kemm fl-iskola, kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir, dejjem jibqa' l-fatt li dawn il-fdalijiet preistoriċi għal ħafna huma biss ġebel kbir u xejn aktar.

Fl-ewwel appuntament tagħna ma' dawn il-fdalijiet preistoriċi (*il-mument,* 21 ta' Novembru, 1999) konna tkellimna l-aktar dwar l-istorja tal-post u kif saru l-ewwel skavi u studji dwar l-istess lokalità. Illum nibdew naraw eżattament x'hemm madwar dawn il-fdalijiet.



*Ħaġar Qim: Dettal tal-ġebla-bieb*

### Il-faċċata

L-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn hekk kif wieħed jidħol wara r-reċint hi l-faċċata. Hawnhekk għandna ħajt sħiħ, impoġġi bil-għaqal, u fl-istess ħin juri ċerta teknika li wieħed ikun xi ftit sorpriż b'dak li qiegħed jara. Daħla waħda biss hemm f'dan il-ħajt. Bħal kull tempju ieħor li nsibu fil-gżejjer Maltin, dawk ta' Ħaġar Qim huma l-istess fil-ħsieb u fil-kunċett, iżda mbagħad kull tempju għandu dik il-laqta partikulari tiegħu. Tant ieħor f'Ħaġar Qim.

Jekk wieħed jagħti ħarsa sew lejn il-faċċata jara li t-tqassim tagħha hu wieħed perfett. Daħla fin-nofs, żewġ ġebliet weqfin li jservu bħala l-bieb, żewġ ġebliet oħra mdaqqsa fuq kull naħa tal-bieb, u ġebla ferm akbar fuq kull naħa. Bejn iż-żewġ ġebliet tat-tarf, naraw li l-bennejja ħasbu biex poġġew numru ta' ġebel iżgħar, iżda li waslu biex kellhom unità ferm isbaħ. Quddiem dan kollu numru ta' ġebel jagħtu l-impressjoni li dawn kienu hemm biex jintużaw bħala bank.

Ta' interess partikulari f'din il-faċċata hu l-fatt li t-tip tal-ġebla użata hi dik tal-franka. Fit-tempji l-oħra nafu li l-ġebla li ntużat għal faċċati hi taż-żonqor, u dan biex tkun aktar protetta. Meta wieħed iqis li Ħaġar Qim jinsab aktar espost għall-elementi, allura wieħed jimmaġina li din l-għażla saret apposta. Hu maħsub li hawnhekk kien hemm il-ħsieb li jkun hemm ħafna aktar dekorazzjoni fuq il-ġebel, milli kien isir fuq tempji oħra. Bħalma kulħadd jaf, il-ġebla Maltija li hi tajba biex tkun maħduma f'disinji, hi dik tal-franka.

Quddiem din il-faċċata maestuża nsibu wkoll żewġ toqbiet fl-art. Dawn it-toqob fil-fatt jinfdu ma' xulxin, u għalhekk ingħatat it-teorija li dawn setgħu kienu jintużaw biex jorbtu l-annimali ħalli jkunu jistgħu jiġu sagrifikati quddiem id-daħla tat-tempju. Min jaf jekk dawn l-istess toqob intużawx għal xi raġuni oħra?

### L-ewwel parti

Id-daħla għal din il-parti tat-tempju hi interessanti. Wieħed għandu jagħti ħarsa sew lejn l-istess ġebel li qegħdin iservu bħala l-ħajt tal-istess kuridur. Maħduma tajjeb, u maqtugħa b'ċerta eżatezza. Barra minhekk naraw ukoll li l-art hi ċċangjata. Mhux aktar l-art naturali bħalma nsibu fuq barra tat-tempju. Hekk kif ngħaddu minn dan il-kuridur naslu f'fetħa. Illum, din il-fetħa, tinsab mod ieħor minn kif kienet meta nbniet.

Oriġinarjament kien hemm żewġ kmamar, waħda fuq kull naħa, mingħajr ma kien hemm il-ħajt diviżorju. Lejn l-aħħar ta' l-istess perijodu n-nies li kienu qegħdin jagħmlu użu ta' dan it-tempju ddeċidew li jżidu dan il-ħajt diviżorju. Il-ħajt hu magħmul minn numru ta' ġebel, iżda waħda minnhom kienet maqtugħa ħalli tifforma bieb, biex b'hekk wieħed seta' jidħol wara l-ħajt.

L-art hi ċċangjata kollha, ħlief il-partijiet ta' wara l-ħitan diviżorji. Illum il-ġurnata, l-awtoritajiet tal-Mużew ħasbu biex poġġew kopji ta' żewġ oġġetti interessanti. Wieħed minnhom hu altar, maħdum u dekorat minn kullimkien, u ġebla oħra li għandha d-disinji li huma marbuta ma' l-istess perijodu, jiġifieri spiralli.

Dawn huma biss dettalji li naraw fil-bidu ta' dawn il-fdalijiet. F'appuntamenti oħra nkomplu nagħtu aktar informazzjoni dwar it-tempji ta' Ħaġar Qim.



*Il-faċċata ta' Ħaġar Qim*